# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 5**

**Rikors Numru: 24/12 RGM**

**Audrey Buhagiar f'isimha personali**
**kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza**
**ta' bintha minuri Kayleigh Schembri**

**v.**

**Daniel Schembri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici ipprezentat fit-30 ta' Jannar 2012, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-kontendenti, li ma humiex mizzewga, huma l-ġenituri rispettivi tal-minuri Kayleigh Schembri, li twieldet fis-19 ta' April 2006.
>
> "2. Illi kien bis-sahha ta' sentenza ta' dina l-Qorti datata 8 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet Daniel Schembri vs Audrey Buhagiar (256/2009 NC) li l-konvenut Daniel Schembri gie rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minorenni.

"3. Illi nzammu proceduri ta' medjazzjoni bejn il-kontendenti (518/2010GG) dwar varji aspetti koncernanti l-minuri Kayliegh Schembri, liema proceduri ta' medjazzjoni gew maghluqa fis-6 ta' Dicembru 2011.

"4. Illi l-esponenti giet akkordata l-kura l-kustodja *pendente litem* tal-minorenni.

"5. Illi huwa mehtieg li l-kura u l-kustodja tal-minorenni tigi fdata f'mod permanenti lill-esponenti, kif ukoll li tigi ffissata retta alimentarja xierqa li ghandha tigi mhallsa minn l-intimat Daniel Schembri fl-interess tal-istess minuri.

"Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:

"1. Tafda li takkorda l-kura u l-kustodja tal-minorenni Kayliegh Schembri lill-esponenti;

"2. Tiffissa retta alimentarja xierqa li ghandha tigi imhallsa lilha mill-intimat fl-interess tal-minorenni Kayliegh Schembri

"Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat ir risposta tal-konvenut li in forza taghha gie eccepit illi:

"1. Illi huwa minnu li l-kontendenti kienu f'relazzjoni li minnha twieldet il-rninuri Kayleigh Schembri li twieldet fid-19 ta' April 2006;

"2. Illi huwa minnu li kellha tkun din l-Onorabbli Qorti fuq talba ta' l-istess esponenti li tiddeciedi li l-esponenti kien missier il-minuri Kayleigh Schembri fil-kawza datata 8 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet Daniel Schembri vs Audrey Buhagiar (25612009 NC), u din kellha ssir stante li kien hemm opposizzjoni qawwija min-naha tar-rikorrenti;

"3. Illi l-kura u kustodja tal-minuri m'ghandhiex tkun fdata f'idejn l-attrici biss u dan hu kaz li ghandha tkun wahda kongunta b'dan li l-minuri tkun tirrisjedi b'mod regolari ma' l-omm;

"4. Illi konsegwentement din il-Qorti ghandha tiddetermina u tiffissa, l-hinijiet tad-dritt ta' access ghall-esponenti, wara li tikkunsidra l-esigenzi ta' l-istess minuri u l-hinijiet tax-xoghol ta' l-esponenti;

"5. Illi in kwantu ghar-retta alimentarja dovuta lill-minuri Kayliegh, din il-Qorti ghandha tiddetermina kemm ghandhom jikkontribwixxu z-zewg partijiet u mhux l-esponenti biss u dan wara li l-Qorti tikkunsidra u tiddetermina min ikun qed jiehu hsieb il-minuri u l-bzonnijiet kollha ta' l-istess minuri u l-qliegh taz-zewg kontendenti;

"Bl-ispejjez kontra l-attrici rikorrenti li qed tigi minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-28 ta' Mejju 2015 li permezz taghha l-Qorti iddecidiet illi:

"1. Tordna li s-setgha ta' genituri fuq il-minuri Kayleigh Schembri imwielda fid-19 ta' April 2006 tigi ezercitata miz-zewg genituri flimkien.

"2. Tordna li l-omm ikollha l-kustodja tal-minuri u cioe' li l-minuri tirrisjedi primarjament mal-omm b'access favur il-missier kif gej: Darba matul il-gimgha mis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (1.30 p.m.) sal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u darba fi tmiem il-gimgha b'mod alternat darba s-Sibt u darba l-Hadd mid-disgha ta' filghodu (9.00 a.m.) sal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.). Il-konvenut ghandu javza lill-attrici bil-miktub jew bil-mezz elettroniku xahar qabel bil-mod kif ikun ser jigi ezercitat l-access fix-xahar ta' wara.

"3. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghall-minuri Kayleigh Schembri fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 filwaqt li ghall-perijodu bejn id-data tal-prezentata ta' din il-kawza u l-31 ta' Dicembru 2014 tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat. Ghandha ssir revizjoni ta' dan il-manteniment meta l-minuri taghlaq hmistax-il sena. Oltre l-manteniment hawn ordnat il-konvenut ghandu wkoll ihallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

"4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri is-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Dicembru 2014 filwaqt li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem, b'dan illi l-manteniment hawn ordnat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Mill-ammont ta' arretrati ghandhom jitnaqqsu l-ammonti gia' mhallsa mill-konvenut bhala manteniment

pendente lite. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

"5. Tordna illi l-manteniment hawn ordnat jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut u mhallas direttament lill-attrici.

"6. Tordna li l-manteniment hawn ordnat jibqa' jithallas anke jekk il-minuri taghlaq tmintax-il sena fl-eventwalita' li tibqa' tistudja full-time. Sakemm tibqa' tirrisjedi mal-omm jithallas lill-omm. Fl-eventwalita' li ma tibqax tirrisjedi mal-omm jithallas lill-bint, bla pregudizzju ghad-dritt tal-bint illi tiehu passi ghar-revizjoni tar-rata ta' manteniment pagabbli.

"Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet stante li mhux it-talbiet attrici kollha gew akkolti."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ezaminati l-provi kollha akwiziti, l-Qorti ma tirriskontrax l-estremi sabiex, kif qed issostni l-attrici, il-konvenut jigi mcahhad mis-setgha ta' genitur. Jirrizulta illi sabiex gie rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri il-konvenut kien kostrett jintavola kawza minhabba li l-omm ma irreagixxietx ghall-ittra ufficjali lilha notifikata. L-omm ma tatx spjegazzjoni accettabbli ghaliex fl-interess tal-minuri ma kkoperatx ma' Daniel Schembri sabiex bonarjament jigi stabbilit jekk kienx il-missier tat-tarbija. Mill-banda l-wahda tilmenta illi l-missier ma weriex interess fil-minuri u ma kienx jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha u mill-banda l-ohra ghamlet diversi ostakoli sakemm Schembri gie rikonoxxut bhala l-missier.

"Huwa rilevanti jigi osservat illi l-attur kien istitwixxa l-proceduri ta' medjazzjoni madwar xahar qabel ma' l-Qorti ippronunzjat is-sentenza ta' filjazzjoni u sa dak iz-zmien, nonostante li kien hemm gia' t-test tad-DNA pozittiv favur il-konvenut, l-attrici kienet ghadha qed tirrifjuta li thalli lil Schembri jara lil bintu. Fil-fehma tal-Qorti dak li l-attrici tiddeskrivi bhala nuqqas ta' interess da parti tal-konvenut specjalment fiz-zmien prossimu ghat-twelid tat-tarbija, kif anke deskritt fix-xiehda taz-zewg genituri tal-attrici, huwa fil-verita' l-effett tad-deterjorazzjoni drastika li kien hemm fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Rilevanti jigi osservat illi fi kliemha stess l-attrici inqabdet tqila meta kienet ghadha fl-ewwel sentejn tal-edukazzjoni terzjarja taghha. Il-fatt li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma komplietx timmatura anzi ddeterjorat drastikament kellu l-effett illi l-attrici kienet

tirrestringi bil-bosta il-hin li l-konvenut setgha jqatta' ma bintu, dejjem fil-presenza taghha jew ta' xi hadd mill-genituri. Il-konvenut jghid illi kien accetta li ma jirregistrax ruhu bhala missier it-tarbija ghaliex hekk riedet l-attrici sabiex tiehu l-beneficcji ta' 'single mother'.

"Il-Qorti temmen il-verzjoni li ta l-konvenut fis-sens illi meta kienu jippruvaw jergghu jistabbilixxu r-relazzjoni ta' bejniethom, l-attrici kienet thalli lill-konvenut jara lil bintu; izda meta tali relazzjoni kienet terga tieqaf l-omm kienet twaqqaf l-access tal-missier ghal bintu u dan setghet taghmlu peress li hu ma kienx ghadu rikonoxxut jew registrat bhala missier it-tarbija.

"<u>Ezaminati l-atti tal-kawza odjerna, tal-kawza ta' filjazzjoni u tal-atti ta' medjazzjoni, il-Qorti ma rriskontratx provi li juru illi l-missier jimmerita li jigi mcahhad mis-setgha ta' genitur.</u>

"Tenut kont dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma illi s-setgha ta' genitur ghandha tkun f'idejn iz-zewg genituri b'dan illi decizjonijiet ta' ftit importanza li jkollhom jittiehdu ta' kuljum fl-interess tal-minuri jittiehdu mill-omm.

"Il-minuri ghandha tibqa', kif ilha mit-twelid, tirrisjedi mal-omm u ghalhekk it-tifla tkun ordinarjament fil-kustodja tal-omm b'access favur il-missier kif ser jigi aktar tard deciz. Kif qed jigi indikat mill-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu l-metodu attwali huwa li peress illi l-konvenut jahdem bix-xift u ghandu impenji pjuttost rigoruzi minhabba li jahdem fuq il-bahar mal-Forzi Armati ta` Malta, huwa ghandu jaghti avviz lill-attrici xahar qabel ta` kif ikun jixtieq l-access matul ix-xahar ta' wara tenut kont ukoll tal-bzonnijiet tal-minuri.

"**MANTENIMENT.**

"In tema legali ghandu jinghad illi fil-principju iz-zewg genituri ghandhom l-istess obbligi f'dak li jirrigwarda l-ispejjez necessarji ghat-trobbija tal-ulied kull wiehed u wahda skond id-dhul u l-ispejjez rispettivi.

"**<u>MANTENIMENT GHALL-HTIGIJIET TAL-MINURI KAYLEIGH</u>**

"**<u>QLIEGH U SPEJJEZ TAR-RIKORRENTI AUDREY BUHAGIAR</u>**

"L-attrici tahdem fuq bazi "full-time" bhala Supply Learning Support Assistant fi skola privata u kienet xi zmien tahdem ukoll fuq bazi *part-time*

bhala carer ma' Community Service Ltd. Fis-sena 2011 kellha impieg *part-time* li minnu dahhlet € 829. Fis-snin 2012 u 2013 id-dhul nett ta` Audrey Buhagiar (wara tnaqqis tat-taxxa u kontribuizzjoni tas-Sigurta Socjali) kien is-segwenti ;

"Ghas-sena 2012 mill-impieg principali taghha l-introjtu taghha kien ta` € 10,656 u ghas-sena 2013 kien ta` € 13,007 mentri mill-Community Health Services Ltd ghas-sena 2012 kien ta` € 2,401 u ghas-sena 2013 kien ta` € 2,351.

"Ghalhekk fis-sena 2012 id-dhul tal-attrici kien ta' € 13,057 filwaqt li ghas-sena 2013 kien ta` € 15,358.

"Ix-xhud Antoinette Pace, l-Head tal-iskola fejn tahdem l-attrici, esebiet d-dokumenti Doks. AP1 sa AP4 (Vide Fols.259 et seq ) li juru n-*net pay* ghas-snin 2012 u 2013.

"L-attrici xhedet illi matul il-perjodu ta` bejn Jannar 2013 u Settembru 2013, u dan gie konfermat minn Antoinette Pace fis-seduta tas-6 ta` Gunju 2013, [1] hija hadmet temporanjament bhala Supply Teacher izda fis-sena 2013/2014 id-dhul ta` l-esponenti rega' naqas sostanzjalment peress illi d-dhul ta` Supply Teacher huwa ghola minn dak ta` Learning Support Assistant. Minbarra dan it-tnaqqis hija m'ghadiex tahdem mal-Community Services Ltd u ghalhekk **d-dhul taghha net ghas-sena 2014 (wara t-tnaqqis ta` taxxa u kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali) huwa ta` - mill-iskola € 11,000 u minn Community Health Services € 1,000 li jgibu total ta` € 12,000.**

"In kontro-ezami[2] Audrey Buhagiar wara li giet mistoqsija ghandhiex intenzjoni tkompli tistudja sabiex tavvanza fil-karriera taghha, wiegbet li fil-prezent dan ma kienx possibbli minhabba l-hin li trid tiddedika ghat-trobbija tat-tifla.

"Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta Socjali, xhed fis-seduta tas- 6 ta` Gunju 2013[3] u esebixxa Doks.IC1 sa IC15 fejn spjega x`hadet Audrey Buhagiar ghajnuna socjali. Huwa esebixxa dokumenti mis-sena 2006 sas-sena 2013. Jghid li fil-kaz ta` Audrey Buhagiar dan kien

---
[1] Vide Fol.269
[2] Seduta – 13 ta' Settembru 2013
[3] Fol. 271

f`isimha u f`isem it-tifla minuri. Id-dokumenti rigwardanti c-*childrens allowance* huma esebiti bhala Docs.IC8 sa IC15.[4]

"**<u>SPEJJEZ TAR-RIKORRENTI AUDREY BUHAGIAR</u>**

"Illi r-rikorrenti fl-istess xhieda taghha in kontro-ezami tat-13 ta` Novembru 2013 tghid ukoll dwar l-ispejjez taghha inkluz tal-kera tad-dar li qed tghix fiha u mistoqsija kemm qeghda thallas kera wiegbet li bhalissa qed thallas €**310** fix-xahar kera ghad-dar oltre spejjez ta' dawl u l-ilma ta` kull xahar. Hija xtrat post b`sussidju mill-Gvern u dan il-post huwa bl-iskema ta` l-Awtorita tad-Djar. Hija tghid illi l-post isir taghha propjament meta tkun hallsitu kollu. Qeghda thallas is-self li ghamlet sabiex xtrat dan il-fond. Il-pagamenti bi hlas tas-self jammontaw ghal circa €260 fix-xahar.[5] Fix-xhieda taghha in kontro-ezami tal-24 ta` Jannar 2014 qalet ukoll li l-post li xtrat ghadu gebel u saqaf u ma tistax tmur tghix fih[6]**.**

"B`nota l-attrici esebiet d-dokumenti hemm elenkati dwar hlasijiet li saru rigwardanti din id-dar kif ukoll hlasijiet li saru minn missierha. Saru wkoll hlasijiet minn missierha kif minnu konfermat fl-Affidavit tieghu pprezentat fis-26 ta` April 2012.[7]

"Fl-affidavit taghha omm l-attrici, Maria Concetta Buhagiar taghti rendikont tal-ispejjez li ghandha bintha Audrey Buhagiar[8].

"Ir-rikorrenti spjegat fl-affidavit taghha t-total ta` l-ispejjez rikorrenti li ghandha sew ghall-bzonnijiet taghha kif ukoll dawk tal-minuri inkluz kera u servizzi fid-dar (**Dok.B1,B4,B5 u B9 a Fols.39,42,43,60)** li jammontaw ghal **€ 5,332** f'sena; kif ukoll spejjez taghha wahedha (**Doks, B2,B3,B6 B7 u B8 (a Fols.40,41 u 45 sa 59).** Hija ssemmi wkoll spejjez ghall-ikel hwejjeg edukazzjoni u sahha ta` Kayleigh **Doks. C1 sa C19 (a Fols.62 sa 98)**[9] Taghti rendikont dettaljat ta' diversi spejjez rikorrenti u ggib it-total fis-somma ta' € 15,357. Irid jinghad illi fost dawn l-ispejjez hemm indikat is-somma ta' €3,000 rapprezentanti l-ispejjez tal-kors ta' Psikoterapista.

"Permezz ta` nota ta` Audrey Buhagiar (***esebita Fol.292 )***l-attrici esebiet dokumenti li juru l-ispejjez taghha u ta` missierha in konnessjoni mad-dar li xtrat.

[4] Fols 244 sa 258
[5] Vide xiehda ta` Audrey Buhagiar in kontro-ezami tat-13 ta` Novembru 2013 Fol.285.
[6] Vide xiehda ta` Audrey Buhagiar in kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta` Jannar 2014 a Fol.307 )
[7] Fol.14 et seq
[8] Vide Affidavit ta` Maria Concetta Buhagiar a Fol.17
[9] Vide Affidavit Ta` Audrey Buhagiar a Fol.29

“**<u>DHUL TAL-KONVENUT DANIEL SCHEMBRI</u>**

“Fis-seduta tat-23 ta` Ottubru 2010 [10] xhed il-Paymaster tal-AFM u jghid li hu jiehu hseb is-salarju, promozjonijiet u kwalunkwe oggett li jinvolvi l-membri tal-AFM. Huwa ezebixxa d-dokument mmarkat Dok. AF1 li huwa *breakdown of salaries and allowances* ta` Daniel Schembri referibbli ghas-sena 2011.

“Id-Dok. AF1 esebit a Fol.134 juri ***illi Daniel Schembri ghas-sena 2011 kellu basic salary ta` € 11,451.19.***

“Fl-istess seduta tat-23 ta` Ottubru 2012 ***(a Fol.131 t-tieni paragrafu)*** ix-xhud ikompli jghid ;

> “Nghid ukoll illi fil-paga tas-6 ta` Ottubru ta` din is-sena korrenti 2012 huwa ha *increment*. Jiena nesebixxi l-payslip Dok.AF3 li juri tibdil fil-basic pay u dan juri t-tibdil li ha fl-*increment* li ha issa f` Ottubru tat-2012. Fl-1 ta` Jannar 2013 se jkun hemm tibdil fil-paga bhala konsegwenza fil-*collective agreement* li ghadu kif gie ffirmat issa, propju l-ahhar *collective agreement* li gie ffirmat bejn il-Gvern u l-unions. Jiena nintrabat li nesebixxi dokument li juri z-zidiet li ghandu jiehu l-imsemmi Daniel Schembri wara l-iffirmar ta` dan il-*collective agreement* b`effett minn Jannar 2013. Irrid nghid li ghas-sena 2012 ukoll fit-3 ta` Novembru se titbiddel il-*basic pay* u fl-1 ta` Dicembru se jingabar arretrat mill-1 ta` Jannar sas-6 ta` Ottubru 2012. Fis-seduta li jmiss nesebixxi kopji tal-payslips tal-1 ta` Dicembru 2012 fir-rigward ta` Daniel Schembri.

“In kontro-ezami f`din l-istess seduta tat-23 ta` Ottubru 2012 ix-xhud jispjega illi d-Dok.AF1 msemmi juri total ta` € 15,263.46 pero` dan huwa l-gross pay u mhux in-net pay: “Nispjega illi fejn hemm miktub B3, AFM Allowance, Sea Duty Allowance, dawk mhumiex il-*basic salary* u dawk jinghataw lis-suldat skond il-post li jkun qed jahdem fih u jsiru *courses* biex huwa jkun elegibbli ghalihom***.*** [11]

“Fis-seduta tas-7 ta` Dicembru 2012 [12] l-istess xhud Joseph Magri jghid :

> “Nesebixxi zewg dokumenti tas-salarji 2012 u 2013 kif gejt mitlub li naghmel fis-seduta precedenti u dawn qed jigu esebiti Doks.LP1 u LP2.”

---

[10] Fol.130

[11] Vide xhieda Fol.132 t-tieni paragrafu

[12] Vide Fol.156

[13] *Illi harsa lejn id-Dok. LP1 (a Fol.159) dan juri illi Daniel Schembri kellu basic salary ta` € 13,192.88 ghas-sena 2013. u Dok.LP2 (a Fol.160 ) juri li Daniel Schembri kellu basic salary ta` € 12,387.34 ghas-sena 2012.*" L-istess dokumenti juru illi id-dhul gross tal-konvenut fis-sena 2012 kien ta' €16,523.32 filwaqt li fis-sena 2013 id-dhul gross tieghu kien ta' €17,429.83.

"**<u>SPEJJEZ TAL-KONVENUT DANIEL SCHEMBRI</u>**

"Fl-affidavit tieghu l-konvenut Daniel Schembri [14] jghid;

> "Jiena dhalt f`konvenju ta` post li llum qieghed jinbena u daqt ikun lest. Jiena rrangajt biex niehu loan mal-BOV ghal self biex nixtri dan il-post u se nibda nhallas madwar tlett mitt ewro (€ 300) kull erba' gimghat. Dan il-post se nixtrih anke ghal binti stess, biex binti ikollha dar, fejn nista nakkomoda lil binti f`kaz illi l-Qorti tiddeciedi li nkun nista niehu lil binti *overnight stays* waqt l-access se nkun qed inhallas dan il-loan fuq medda ta` erbgha u ghoxrin sena. Apparti minn hekk se jkolli spejjez biex nirrangah u nimlih sabiex inkun nista mmur nghix fih.Minbarra dawn l-ispejjez ghandi l-ispejjez ta` kuljum li huma d-dawl u l-ilma li jinqasam bejn tlieta d-dar ta` ommi ghax hija qieghed l-iskola li jigi madwar € 450 kull sitt xhur. Naghti kontribut ta` mitt ewro kull xahar ghall-ispejjez tal-ikel, hasil tal-hwejjeg u s-sehem tieghi fil-kont tad-dawl u l-ilma ecc. Il-pagament tal-Melita tat-telephone u l-internet u l-mobile jammontaw ghal tletin ewro (€ 30) fix-xahar, il-kiri tal-garage jammonta ghal € mija u tmenin kull tlett xhur. Licenzja u insurance tal-karozza jammonta ghal € 311.98 kull sena u € 30 fil-gimgha petrol. U dan ghalissa ghax kif inlesti l-post u mmur nghix fih se jizdiedu il-kontijiet u necessitajiet biex nghix.[15]

"Fl-affidavit ta` omm l-konvenut, Maria Dolores Schembri [16] essenzjalment tikkorrobora dak li xhed il-konvenut fir-rigward tal-ispejjez li ghandu.

"**<u>KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-MANTENIMENT</u>**

"L-attrici ssostni illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment adegwat li jirrifletti sehemu mill-ispejjez reali tat-tifla. Hija tfakkar illi d-digriet li permezz tieghu l-konvenut kien gie ordnat ihallas retta alimentarja pendente lite ta' € 120 (mija u ghoxrin ewro) kull erba` gimghat jmur lura ghall-14 ta` Novembru 2011 u li sad-data tas-sentenza ta` dina l-kawza

[13] Vide Fols. 159 u 160
[14] Fol.199
[15] ***Vide xhieda Fols.199 u 200 l-ahhar u l-ewwel*** **paragrafi rispettivament**
[16] ***Fol.203***

ikunu ghaddew aktar minn tlett snin. Illi r-rikorrenti hija ghalhekk tal-fehma illi l-Qorti ghandha tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment minn meta giet intavolata l-kawza odjerna tas-somma ekwivalenti ghad-differenza bejn il-manteniment pendente lite li kien ihallas ta' €120 kull erba` gimghat u r-retta alimentarja xierqa mahduma a bazi tal-introjtu ppruvat tieghu u l-htigijiet attwali tal-minuri. [17]

"Illi l-konvenut minn naha l-ohra jikkontendi illi ma huwiex minnu li l-esponenti dejjem pinga li hu jaqla inqas milli fir-realta gie ppruvat u li dan l-argument jaghmel sens biss ghall-fini u effetti ta` kemm qed jghaddi manteniment bhalissa l-esponenti ghal bintu Kayleigh. Jsostni li fiz-zmien meta saret it-talba ufficjali biex jibda jhallas manteniment kien fl-inqas grad fi hdan il-Forzi Armati ta` Malta u ghadu, fil-fatt huwa kien bi ftit aktar minn paga minima u bil-mezzi li kellu l-Qorti dak iz-zmien iddecidiet li huwa ghandu jikkontribwixxi € 120 fix-xahar bhala manteniment pendente lite ghal bintu oltre nofs l-ispejjez ta` sahha u edukazzjoni tal-minuri.[18]

"L-konvenut jikkontendi wkoll illi din l-Qorti ma ghandiex tiehu in konsiderazzjoni il-qliegh gross izda tiehu in konsiderazzjoni il-qliegh net. Huwa jsostni illi *allowances* mhumiex ghal dejjem u li l-konvenut mhux se jibqa' ghal dejjem fuq il-bahar peress li jista' jigi assenjat f`postijiet ohra li ma jkollhomx dan il-hlas zejjed fejn ix-xoghol ma jkollux dan it-tip ta' periklu u allura ma jithallsux l-allowances kollha fil-prezent pagabbli. Jinsisti l-konvenut illi l-Qorti ghandha tiehu biss in konsiderazzjoni l-*basic wage* tieghu u mhux ukoll l-*allowances*. [19]

"Ikkunsidrat;

"**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

"Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:- "

> "**Artikolu 7.**
>
> "(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."

---

[17] ***Vide nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrenti Fol.321u 322 t-tielet u r-raba paragrafi rispettivament***

[18] Vide nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut Fols.325 326 l-ahhar u l-ewwel paragrafu rispettivament

[19] Vide nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut Fol.326 (3) fit-tieni paragrafu

“**Artikolu 19.**

“(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.”

“(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

“**Artikolu 20**

“(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min ghandu jaghtih. “

“(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort’ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengha. “

“(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust. “

“(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa’ f’daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent. “

“(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta’ kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta’ kull interess beneficjarju taht trust.”

“Il-partijiet, genituri tal-minuri, m’humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligu tal-genituri li jmantnu lill-uliedhom japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genturi huma mizzewga lil xulxin, sew jekk le. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f’kaz ta’ firda tal-genituri mizzewgin:- “

“**Artikolu 54.**

“– omissis –”

“2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f’kaz ta’ firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej: “

“(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom; “

“(b) xi dizabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b’Dizabilità, kemm jekk hija fizika jew mentali; “

“(c) cirkostanzi ta’ mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacità tal-mizzewgin jew ta’ l-ulied li jmantnu lilhom infushom; -

“– omissis –”

“(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircievu skont il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurtà Socjali:

“Izda, ghall-fini ta’ dan il-paragrafu, ghandha titqies il-pensjoni ghad-dizabilità taht l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali; “

“(f) il-htigiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;

“– omissis –”

“(4) Il-qorti fl-ghoti tal-manteniment tista’ tipprovdi wkoll ghall-mod ta’ kif dan jista’ jawmenta minn zmien ghal zmien.

“– omissis –”

“(7) Il-qorti tista’ tordna, skont ic-cirkostanzi, li l-hlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta’ qabel ta’ dan l-artikolu jsir f’ghadd ta’ skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta’ zmien xieraq. “

“(8) Il-qorti tista’ wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha thallasha taghti lill-parti l-ohra proprjetà b’titolu ta’ proprjetà jew uzufrutt, jew ghall-uzu jew abitazzjoni.”

“Ikkunsidrat;

“Il-konvenut qed jikkontendi inter alia illi fil-komputazzjoni tal-manteniment dovut ghall-minuri l-Qorti m’ghandiex tiehu in konsiderazzjoni id-dhul kollu tieghu izda biss il-paga bazika. Jikkontendi illi l-Qorti ghandha tinjora id-dhul tieghu li huma allowances konnessi mal-kwalita’ tax-xoghol.

“Il-Qorti ma taqbilx ma’ tali asserzjoni.

> "Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-paga bazika u l-*allowances*. Ma teskludiex lanqas l-*overtime* u jekk jirrizulta illi l-*overtime* huwa ir-regola u mhux l-eccezzjoni , ghandu jittiehed in konsiderazzjoni daqs kull dhul iehor. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Giovanna sive Jane Bianco vs. Carmelo Bianco**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Ottubru 2013 fejn il-Qorti qieset sew is-salarju baziku kif ukoll il-hlas ghall-*overtime* li kien wiehed regolari.
>
> "Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul. Issir hawn referenza ghas-sentenza "**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2003 moghtija fl-ambitu ta' separazzjoni personali izda li l-principju applikat fir-rigward tal-manteniment tal-ulied u omm li trid trabbi lill-uliedha huma applikabbli ghall-kaz in dizamina:-
>
> > "Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, però jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri."
>
> "Konsiderati l-provi kollha migjuba fir-rigward tad-dhul rispettiv taz-zewg genituri u l-htijigiet tal-minuri, kif ukoll il-htigijiet u l-ispejjez rispettivi tal-partijiet, l-Qorti hi tal-fehma illi manteniment gust da parti tal-missier fir-rigward tat-tifla ghandu jkun ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji tieghu fejn jirrigwardja l-ordni tal-hlas tal-manteniment.

Rat ir-risposta tal-appellata li permezz taghha fil-waqt li opponiet ghat-talbiet tal-appellant, talbet li s-sentenza tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell billi ghamlu riferenza ghall-atti processwali;

Ikkonsidrat:

**L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT**

L-aggravji tal-appellant huma tnejn; dak principali huwa li l-ammont akkordat mill-Qorti bhala manteniment huwa wiehed eccessiv u li l-Qorti ma setghetx izzid fis-sentenza taghha li l-hlas kellu jkompli jipperdura anke wara li l-minuri taghlaq it-tmintax-il sena.

Wiehed l-ewwelnett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment, l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u "*imbaghad skont l-artikli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas*". **Conti v. Bonnici**, 30 ta' Jannar 2015. Ghandu jinghad allura, li ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** 10 ta' Jannar 1995: "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta*

*ta' valutazzjoni ta' fatti*". Biex din il-Qorti tbiddel is-sentenza tal-ewwel Qorti fuq dan ir-rigward iridu jirrizultaw lil din il-Qorti "*ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti*". **Paul Formosa v. Salvu Debono** – 5 ta' Ottubru 2001.

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi; madankollu "*din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". **Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014.

Jekk wiehed jaghsar it-talbiet tal-appellant f'dan l-appell huwa qed jitlob li jitnaqqas l-ammont li ordnatlu jhallas l-ewwel Qorti bhala manteniment ghal bintu u li qed jilmenta mill-fatt li l-istess Qorti ordnat il-hlas kif mizjud b'effett mill-1 ta' Jannar 2015, li gie ordnat ukoll ihallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** (deciza fil-25 ta' Ottubru 2013) intqal li "*Il-manteniment ma huwiex*

*xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta* ***hemm il-bzonn*** *(L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skond* ***il-bzonn*** *ta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi iffissat skont il-mezzi ta' min huwa obligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita` tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu".*

Naturalment din il-Qorti (illi incidentalment hija kostitwita bl-istess mod li kienet kostitwita dak in-nhar li nghatat dik is-sentenza) taqbel ma' dan li ntqal. Madankollu applikat ghall-kaz in ezami, ma tarax kif dan l-insenjament imur kontra s-sentenza appellata. Din il-Qorti thoss infatti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit hafna tal-mezzi tal-partijiet anzi tirrimarka pozittivament li sar b'mod hafna aktar approfondit milli jsir normalment. Huwa minnu li f'cirkostanzi bhal dawn jidhol element soggettiv fil-mod kif jigi determinat l-ammont pagabbli bhala manteniment izda f'dan il-kaz is-sentenza appellata hija dettaljata hafna u ghalhekk ma hemmx lok ta' kummenti ulterjuri. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellata ghandha **l-bzonn** reali tal-ammont likwidat mill-Qorti tal-Familja fis-sentenza appellata biex trabbi lill-bint il-partijiet b'mod xieraq u l-istess ammont huwa fil-kuntest u c-cirkostanzi tal-kaz, wiehed gust.

Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant li l-Qorti ma kellhiex tispecifika li l-hlas tal-manteniment ghandu jibqa' jsir anke wara li l-minuri taghlaq tmintax-il sena jekk tkun qed tattendi ghal xi kors ta' edukazzjoni terzjarja – kull ma ghamlet il-Qorti kien li ippronunzjat dak li tghid il-ligi stess (Artikolu 3B (1) 2a tal-Kodici Civili). Madankollu taqbel mieghu li l-ordni li jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha se jservi biss biex jipprolunga l-kwistjonijiet bejn il-partijiet fir-rigward; barra minn hekk l-Artikolu 19 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment jithallas "*ghall-ikel, ilbies, edukazzjoni u sahha*" u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz l-ammont ordnat mill-Qorti fuq imsemmi ghandu jkun bizzejjed – wiehed irid jiftakar kif anke qalet l-ewwel Qorti illi l-attrici appellata hija wkoll obligata tmantni lil bintha. Madankollu se tordna li l-hlas tal-ispejjez tal-appell jithallsu wkoll mill-appellant peress li l-varjazzjoni tas-sentenza appellata hija minima.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu biss fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-appellant ihallas ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u ghalhekk l-appellant mhux obligat ihallas ghal dawn l-ispejjez – tichdu fil-bqija, u tikkonferma s-sentenza appellata salv il-premess, kompriz il-kap tal ispejjez.

L-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df